# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 14**

**30 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 14.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

14.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri dwar l-obbligu tagħha li timxi mar-regolamenti skont l-Ordni Permanenti 14A tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għalhekk reġgħat fakkret lill-membri dwar il-proċedura ta' kif jiġu mressqa talbiet għal emendi fil-minuti u li kulħadd għandu jimxi ma dawn ir-regolamenti.

Il-Kunsillier Horace Micallef rrefera għal minuta numru 13.6 (Premju Ġieħ il-Fontana) fejn irrimarka li għandu jitniżżel dak li kien qal, *'li mhux l-ewwel darba li s-Sindku ppropona nies li ma humiex mil-lokalita'*. Is-Sindku qal li għandu jitniżżel ukoll *li hu talab lil Kunsillier Micallef biex jgħidlu għal min kien qiegħed jirreferi*. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tivverifika r-*'recording'* u l-membri qablu li f'dak il-kas għandha ssir din l-emenda.

Il-Kunsillier Micallef staqsa x'kien sar dwar it-talbiet mill-Kunsill lill-Ministeru Għal Għawdex dwar il-manutenzjoni tal-bankina fi Triq l-Isptar San Ġiljan kif ukoll dwar it-talba ta' bankina ġdida fl-istess triq imsemmija. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Assistent Direttur Lorry Apap qalilna li l-Ministeru Għal Għawdex ma jagħmlux manutenzjoni ta' bankini imma huma responsabbli biss sabiex jagħmlu bankini ġodda avolja dawn il-bankini mkissra jkunu qegħdin f'toroq arterjali.

### 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

14.3.1 Is-Sindku ppropona li nixtru żewġ *'doggy bins'* ġodda għal Triq John Gaspard Le Merchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi. Ippropona wkoll li jinbidlu x-xtieli ta' fuq l-Għajn ta' Bendu u l-Kunsill qabel ma' dan.

14.3.2 Is-Sindku fakkar li issa rridu naħsbu għal-ikla tal-anzjani tal-Milied u l-fuljett tal-Kunsill li joħroġ fl-istess ġranet u l-kunsill qabel ma dan.

14.3.3 Id-dwal tal-Milied isiru bħas-sena l-oħra jiġifieri Triq il-Kappillan Ħili u Triq il-Għajn isiru minn Ġeorge Schembri f'isem l-għaqda tal-Armar Fontana u Triq John Gaspard le Merchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi minn Michael Bugeja. Dawn id-dwal jixgħelu mit-8 ta' Diċembru 2017 sas-7 ta' Jannar 2018. Il-Kunsill qabel.

14.3.4 Saret laqgħa bejn is-Sindku u l-Perit Gordon Vella dwar il-ħruġ tal-offerta biex isir il-*Porfido* fuq il-bejt tal-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll sabiex jiċċertifika l-*'liquid membrane'*.

14.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri li attenda għal-laqgħa tas-Sindki ma' l-Onorevoli Silvio Parnis u l-Ministru Għal Għawdex. F'din il-laqgħa s-Sindku ressaq it-talba sabiex ningħataw l-għajnuna ħalli jinqatgħu tlett palmiet li ġew iċċertifikati mill-Plant Health bħala nfettati bir-'Red Palm Weevil'. Il-Ministru talbet li l-Kunsill iġib il-permessi meħtieġa u l-Ministeru jgħin sabiex jinqatgħu dawn il-palmiet. Zied jgħid ukoll li nforma lill-Onorevoli Parnis dwar kif l-allokazzjoni finanzjarja għas-servizz tal-Latrina Pubbliku ma hiex biżżejjed biex tkopri l-ispejjeż li l-Kunsill qed joħroġ għal dan il-għan. L-Onorevoli Parnis talab sabiex il-Kunsill jiktiblu wkoll formalment għal din l-għajnuna. Is-Sindku semma wkoll dwar id-devoluzzjuni tal-Għajn il-Kbira u l-Għajn ta' Bendu u l-inħawi fejn informa lil Onoroveli Parnis li l-applikazzjoni waslet għand id-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsill se jibgħat kopja tal-korrispondenza lill-Onorevoli Parnis.

14.3.6 Il-ħaddiem Terry Attard se jispiċċa minn mal-Kunsill b'effett minn għada. Dan se joħduh u se jħalluna b'ħaddiem wieħed, meta suppost għandna tlett ħaddiema. Is-Sindku semma li talab ukoll lil Ministru sabiex tibgħat ħaddiem ieħor u qaltlu biex nibgħatulha t-talba bil-miktub.

14.3.7 Twaħħlu t-tabelli taċ-ċeramika ta' Fontanella Gardens.

14.3.8 Sar il-kejl tat-Triq John Gaspard le Merchant, kellna 35 metru. Is-Sindku nforma l-membri li l-prezz niżel mas-€700 għaliex propju s-Sindku ġibed l-attenzjoni li mhux kullimkien kien inkesa l-istess, peress li l-*'patching'* li sar fejn saru s-servizzi tal-ilma u d-dranaġġ fil-parti fejn kien hemm diġa t-tarmak sar bi ħxuna anqas. Huwa r-ritratti lil-Perit Clayton d'Amato u l-Perit Johan Camilleri. B'hekk l-ispiża naqset bil-valur imsemmi. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk sarux il-pipijiet f din it-triq u ma jaqblix li kellu jitressaq għal pagament qabel ma ħeles il-pipjiet. Il-membri qablu li għandna nżommu l-pagament sakemm isiru dawn il-pipijiet. Malli jsiru l-pipijiet għandu jitħallas minnufih.

14.3.9 Inbidlu l-globi li nkissru fuq iz-zuntier.

14.3.10 Il-ħofra li kienet tinsab fi Triq l-Isptar San Giljan u li fuqha tressaq lment mill-Kunsillier Horace Micallef, tranġat. Din hija fejn kien hemm il-vit li jiftaħ u jagħlaq it-triq.

14.3.11 Ħarġet l-offerta sabiex isir xogħol bit-Tarmak f'parti minn Triq il-Għajn, bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Hili. Din l-offerta tagħlaq it-Tlieta, 19 ta' Dicembru 2017.

14.3.12 Kien hemm is-seduta fil-qorti dwar il-kas tal-computers u ġiet diferita għat-13 ta' Frar 2018. Tajjeb li nsemmu li aħna ma ġejniex notifikati mill-Pulizija, u s-Segretarja saret taf li se ssir seduta b'kumbinazzjoni mingħand tas-*Cybercrime*. Instemgħu x-xhieda, s-Sindku, s-Segretarja u l-Iskrivan.

14.3.13 Saret l-ewwel attivita' tal-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum il-Fontana. Din kienet is-serata ta' San Andrea mtella' mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana fis-Sala tal-Komunita'. Mill-Kunsill attendew is-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca.

14.3.14 Dwar ir-restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl, is-Sindku nforma lill-membri li l-parroċċa tat il-permess u ghalhekk sa għada jrid jiġi sottomess rapport dettaljat flimkien mal-applikazzjoni lill-Ministeru għal Għawdex. Dan ir-rapport li qed isir minn Perit Edward Scerri li hu kwalifikat fir-restawr, ikun jinkludi wkoll l-istima ghal dan ix-xogħol pero' imbagħad ovjament tinħareġ l-offerta ghax-xogħol meħtieġ.

14.3.15 Saru s-sinjali sofor ta' Triq il-Ghajn.

14.3.16 Ġie l-*inspector* mill-*Plant Health Department* u nfurmana li t-tlett palmiet huma nfettati u għalhekk iridu jinqatgħu. Intalbet stima mingħand Xerri Nusery li ġiet tammonta għal €1200.

14.3.17 Saret l-applikazzjoni lill-MEPA sabiex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi u l-ħajt tas-sejjieħ li konna tkellemna fuqhu huwa responsabilta' tal-Enemalta.

14.3.18 Semma li ġie avviċinat minn persuna li hemm xi proposta ta' xogħol ta' konkos fi Trejqet ir-Razzett li jagħti għar-raba saqwi li hemm fl-inħawi. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li irċevite telefonata dwar il-kas mill-Ministeru u talbet sabiex dan il-persuna jiġi l-Kunsill u jgħidilna x'għandu bżonn. Dan qed jitlob lill-Kunsill sabiex ma jkunx hemm oġġezzjoni li ssir rampa tal-konkos fi Trejqet ir-Razzett. Hu qalilna li għandu l-permessi kollha meħtieġa u li x-xogħol kollhu se jsir mill-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba x-xogħol u l-ispejjeż involuti se jsiru mill-Ministeru.

14.3.19 Is-Sindku semma li flimkien mas-Segretarja konna attendejna laqgħa mal-President u Viċi President tal-Kumitat Żgħażagħ dwar l-attivita' ta' San Andrea.

14.3.20 Fil-5 ta' Novembru, saret il-ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana fejn żorna l-ajruport, il-Kappella Medjavali ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ fil-Gudja. Żorna wkoll

Marsaxlokk, il-Fiera tal-Antikitajiet fin-Naxxar u Piscopo Gardens f'Burmarrad. Attendew 29 persuna fosthom is-Sindku.

14.3.21 Is-Sindku mar flimkien mal-Inġinier Mario Galea Curmi fi Triq Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Merchant, fejn il-Kunsill se jagħmel sistema ġdida ta' dawl flok il-fanali ezistenti li minbarra li tkun qed tagħti aktar dawl se jitnaqqas il-*light pollution* billi ma jintefax dawl fl-għoli peress li dawn it-toroq huma f'sit ta' Natura 2000. F'toroq oħra se jsiru fanali *energy saving* u *environment friendly*. Qed nirreferu għal Triq is-Sajjieda, Triq Dun Guzepp Grima, Trejqet Grezzja Grima, Triq San Martin, parti minn Triq Wied Siekel u Triq ta' Mulejja. L-Inġinier għandu jipprepara u jgħaddi r-rapport lill-Kunsill.

14.3.22 Is-Sindku u s-Segretarja attendew għal laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar l-*speed cameras* f'Għawdex. F'din il-laqgħa ssemma li l-Kunsill tagħna qed jipproponi li ssir waħda fi Triq ix-Xlendi.

14.3.23 Bhal kull sena ngħatat it-tilqima tal-influenza fis-sala tal-Komunita'.

14.3.24 Saret il-laqgħa mis-Sindku u s-Segretrju Eżekuttiv mar-restawratur John Grima fejn spezzjona l-qagħda tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fuq il-knisja parrokjali. Dan ir-restawr ser isir mill-Kunsill Lokali mill-fondi tad-Dipartiment tal-Eko Ghawdex.

14.3.25 Inxtraw żewġ tapiti kbar għas-sala tal-Komunita' li se jkunu qed jintużaw għall-korsijiet tal-Pilates li beda propju issa.

14.3.26 Saret ukoll l-laqgħa tal-bord tal-evalwazzjoni tal-Kusnill dwar l-offerta tat-tiżjin tal-Milied għal Triq il-Kappillan Hili. Il-Bord qed jirrakomanda li din ma tingħatax minħabba li l-prezz offrut huwa ferm ogħla mill-kwotazzjoni allokata tal-Kunsill.

14.3.27 Ġiet evalwata wkoll l-offerta ta' sistema ta' CCTV li se tiġi nstallata fil-*playing field* minħabba l-vandaliżmu li qed isir. Il-Bord qed jirrakomanda li tingħata lill-Extreme Technologies.

## 14.4 Rapport ta' Evalwazzjoni dwar is-sejħa għall-xiri ta' Tiżjin tal-Milied għal Triq Kappillan Ħili.

Is-Segretarja pprezentat ir-rapport dwar l-offerta fejn spjegat li r-rakkomandazzjoni tal-Bord hija li din l-offerta taqa' peress li l-offerta hija ferm ogħla mill-allokazzjoni tal-kunsill għal din l-offerta. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-bord.

## 14.5 Rapport ta' Evalwazzjoni dwar l-offerta għal sistema ta' CCTV

Is-Segretarja ppreżentat ir-rapport dwar din l-offerta, hekk kif ġie rrakomandat mill-bord tal-evalwazzjoni. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-bord.

Is-Sindku ssuspenda l-laqgħa fil-17.30p.m. peress li attenda l-Avukat. Dr. JohnPaul Grech.

Is-Sindku u l-Kunsill irċevew protest b'rabta mall-appell li sar b'referenza għall-applikazzjoni numru PA6736/16. Ġie spjegat li l-kontestazzjoni ewlenija f'dan l-appell kienet rigward traffiku. Ġie nnotat li kien sar *'Traffic Impact Statement'* minn Transport Malta (Vide paġna 113a doc 55H) li juri li skont din l-entita regulatorja, t-traffiku mhux se jiġi affetwat u għalhekk ma sabux oġġezzjoni (B'referenza għal dokument 70A, liema dokument ma jinsabx fuq is-sit elettroniku). Dan id-dokument ġie a konoxxenza tal-Kunsill wara li sar l-appell. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-membri qablu unanimament li l-Kunsill għandu jirtira l-appell numru PAB/00427/17 b'rabta mal-approvazzjoni tal-applikazzjoni bin-numru PA6736/16. Fuq parir tal-Avukat, il-Kunsill qabel li jiġi mwieġeb il-protest.

Is-Sindku semma li fl-4 ta' Novembru bejn in-12.20p.m u 12.25p.m is-Sinjura Bella Cassar kienet marret flimkien ma raġel ieħor tgħajjat u tagħmel subgħajha f'wiċċu wara l-bieb tiegħu, tant li kellhu jaghmel rapport ta' *'harassement'* l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Victoria.

B'referenza għall-oġġezzjoni li l-Kunsill għamel għall-applikazzjoni numru PA/05567/17 li kienet applikazzjoni sabiex issir grada fuq il-bankina tas-Sur Sacco. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet wara konsultazzjoni mal-Kunsill u ġie deċiż li ssir oġġezzjoni minħabba raġunijet ta' *'Health and Safety.'* Il-Kunsill kien qabel li għandu jintbagħat il-Perit tal-Kunsill għal-laqgħa tal-bord tal-Ippjanar.

Il-laqgha tkompliet fis-6.00p.m.

## 14.6 Qtugħ ta' Palm affetwat mir-Red Palm Weevil.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li tal-Plant Health Department iċċertifikaw tlett siġar tal-Palm bħala nfettati u li jridu jinqatgħu fi żmien sebat ijiem mid-data tan-notifikazzjoni, liema data għalqet fid-29 ta' Novembru. Ċempilna lil diversi persuni sabiex ituna stima pero' nfurmawna li ma għadhomx jagħmlu dan ix-xogħol. Huwa biss ta' Xerri Garden Centre li tana stima li hi ta' €1050 plus il-VAT. Din il-kwotazzjoni tista' tiżdied minħabba li l-Wasteserv jtiħallsu skont il-piż. Kien propju għalhekk li s-Sindku talab l-għajnuna għal din l-ispiża, fil-laqgħa li kellhu mall-Ministru Għal Għawdex u l-Onorevoli Parnis. Il-Ministru offriet li tgħin lill-Kunsill ġaladarba l-Kunsill ikollu l-permessi meħtieġa. Għalhekk, il-Kunsill se jieħu ħsieb li jressaq talba formali lill-Ministeru sabiex jgħinu fil-qtugħ ta' dawn il-palm.

## 14.7 Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2018

14.7.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Allokazzjoni għal din is-sena hija €150,511. Kien hemm żieda ta' 4.29 fil-mija fuq l-allokazzjoni tas-sena 2017. L-allokazzjonijiet huma mqassma kif ġej:

Parks and Gardens – 4,089.37 (3,047 għal Public Convenience u 1,042.06 għal Parks and Gardens)
Urban Maintenance – 14,014.09
Street Sweeping – 8,341.79
Waste Management – 24,307.37
Waste Tipping – 6,190
Administration – 93,568.58

L-allokazzjoni għat-tindif u ż-żamma tal-Latrina Pubblika hija ta' **€3,047** meta l-kuntratt attwali tagħna huwa ta' **€3,250** fis-sena. Għalhekk se niktbu ittra lil Onorevoli Parnis sabiex nitolbu l-għajnuna għad-differenza, kif kien mitlub li jsir fil-laqgħa tas-Sindki.

## 14.8 Transfer tal-ħaddiem tal-*'Community Worker Scheme'* is-Sur Terry Attard

Bħalma spjega s-Sindku, minn għada s-Sur Attard se jiġi trasferit mill-Kunsill u sa issa għadna ma ingħatajniex persuna minn floku. Se nagħmlu talba formali lill-Ministru għal Għawdex sabiex jibgħatulna aktar ħaddiema. Is-Segretarja fakkret lill-membri li kien ġie approvat il-*leave* tal-iskrivan u peress li issa se jkun diffiċli biex jieħu dan il-*leave*, qiegħdha formalment titlob l-approvazzjoni tal-membri sabiex dan l-istess *leave* jiġġedded għas-sena 2018. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-*leave* tal-iskrivan għandhu jiġġedded.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li xtaqet tqajjem punt dwar l-ingaġġ ta' Segretarja fuq bażi *part-time*. Is-Segretarja stqarret li minkejja li tirrispetta d-deċiżjoni tal-Kunsill ma taqbilx li Segretarju Eżekuttiv għandu jkun ingaġġat fuq bazi *part-time*. Dan għaliex ix-xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv huwa wieħed li jġorr obbligi u dmirijiet kbar u jekk dan irid isir b'mod responsabbli ma huwiex possibli li jsir f'ħin limitat. Għamlet rimarka għal kunsilli oħra li għalkemm għandhom popolazzjoni iżgħar minn dik tal-Fontana, dawn kollha għandhom Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *full time*. Tajjeb li wieħed isemmi li x-xogħol mitlub mill-Kunsilli li jaqgħa fil-kompitu ta' Segretarju Eżekuttiv ma huwa xejn differenti minn kunsilli li għandhom Segretarji *full-time* u d-*deadlines* iridu jintlaħqu

ugwalment, irrespettivament s-Segretarju hux *part-time* jew le. Filfatt il-Kunsill Lokali tal-Fontana huwa l-uniku kunsill fil-gżejjer Maltin li għandu Segretarja ingaġġata fuq bażi *part-time*. Is-Segretarja żiedet tgħid li tifhem li jista' jkun hemm min ma jaqbilx magħha pero tħoss li għandha twassal il-ħsibijiet tagħha li huma bbażati fuq is-sitwazzjoni preżenti u li jaffetwaw lilha personali.

Is-Segretarja kompliet tispjega li ġaladarba din il-pożizzjoni se tibqa' fuq bażi *part-time*, minħabba raġunijiet personali, hi ma tistax tkompli aktar f'din il-kariga. Għalhekk talbet sabiex il-Kunsill jieħu pożizzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li din għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier Micallef staqsa lis-Segretarja jekk tikkunsidrax li tapplika jekk il-pożizzjoni tkun bħala 'full timer' u s-Segretarja qalet li tikkunsidra.

## 14.9 Żjara tal-Eċċelenza Tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca b' Risq il-Community Chest Fund

Il-President se żżur il-Lokalita' tal-Fontana nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru fl-16.10. Se ntellgħu attivita fis-sala tal-Komunita' fejn se jkollna grupp ta' tfal ikantaw u jisfnu mill-grupp ta' żeffina ta' Anette's Mystic Dancers. Se jkollna wkoll lil Audrey Micallef li se ddoqq il-*flute*.

Ser jitqassmu wkoll l-*envelopes* fid-djar għal ġbir ta' donazzjonijiet b'risq il-Community Chest Fund. Dawn ikunu jistgħu jintefgħu ġo kaxxi apposta li se nagħtu lill-ħwienet mxerrda fil-lokalita' tagħna.

## 14.10 Tiswija ta' Tarmak fi Triq il-Kappillan Hili

B'referenza għall-ilment li kien ressaq il-Kunsillier Mario Mercieca fil-laqgħa li għaddiet, is-Segretarja flimkien mal-Kunsillier Mercieca u l-Perit Johan Camilleri ltaqgħu fuq il-post sabiex saret evalwazzjoni tat-triq. Il-Perit spjega li hemm bżonn titqaxxar parti u terġa' tinkesa sabiex tingħaqad tarf ma ieħor peress li parti tat-triq tidher li qiegħda aktar il-fuq, u konsegwentament qiegħed jinżamm l-ilma.

Sabiex isir dan, hemm bżonn li tingħalaq it-triq għal nofs ta' nhar sabiex l-kuntrattur ikun jista' jaħdem. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir u għalhekk se tintalab stima tax-xogħol neċessarju.

Il-Kunsillier Mario Mercieca talab sabiex jigi skużat mil-laqgħa, tali talba ġiet milqugħa.

## 14.11 Ħlas għal kant waqt il-quddiesa ta' Jum il-Fontana

14.11.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri dwar it-talba tal-Kappillan sabiex il-Kunsill jgħin fil-kant tat-Tridu ta' Sant Andrea, peress li se tkun iċċelebrata wkoll Jum il-Fontana. Oriġinarjament kienet intbgħatet it-talba sabiex ngħinu billi nħallsu parti minn €180 li jkopru l-ħlas tal-kant, pero' t-tnejn qbilna li dan kien wisq għoli u għalhekk preżenta stima oħra dik ta' €55. Is-Sindku rrimarka li f'erbgħa u ghoxrin (24) sena, l-Kunsill qatt ma ntalab iħallas għal mużika fil-knisja, pero' l-membri qablu unanimament li nħallsu nofs dan l-ammont għall-kant ta' waqt il-quddiesa. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ser iħallsu wkoll għall-quddies li saru f'dawn l-aħħar tlett snin peress li ma kienx tħallas tal-2015 u 2016 minkejja li kien approvat mill-Kunsill.

## 14.12 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2017

Is-Segretarja ppreżentat ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2017 fejn ġiet spjegata l-pożizzjoni finanzjarja ta' dħul u nfiq sa Settembru 2017.

Ir-Rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-membri.

## 14.13 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huwa meħtieġ

14.13.1 Intbgħatet is-*site plan* mitluba minn Transport Malta sabiex issir il-kaxxa tal-muturi fi Triq il-Kappillan Hili.

14.13.2 Bgħatna lil Raymond Zammit tal-LESA sabiex tana d-dettalji tal-Periti kompetenti li jistgħu jippreparaw rapport dettaljat kif inhu mitlub. Dan sabiex nagħtu bidu għall-proċess ta' applikazzjoni għal *'Speed Camera.'* Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-istima għal dan ir-rapport jiswa bejn €400 u €500. Il-Kunsillier Micallef issuġġerixxa li nitkellmu ma' Kunsilli oħra li urew l-istess interess sabiex naraw jekk hux tajjeb li ningħaqdu flimkien u jsir rapport wieħed konħunt, pero fl-istess ħin jindirizza kull kas għalih. Qed nirreferu għall-Kunsilli ta' Ghajnsielem u tan-Nadur. Il-membri qablu li dan ir-rapport għandu jsir u fin-nuqqas ta' ftehim mal-Kunsilli l-oħra, l-Kunsill għandu jmexxi sabiex isir dan ir-rapport.

14.13.3 Applikajna sabiex nibbenifikaw mill-iskema tal-*Lifelong Learning.* Dan sabiex jinxtraw żewġ kompjuters li jistgħu jintużaw għall-korsijiet tal-kompjuters fil-lokalita' tagħna.

14.13.4 Inbidlu t-tabelli tan-*'no parking'* li qegħdin ħdejn il-Wied fi Triq il-Għajn. Dawn inbiddlu mill-Ministeru Għal Għawdex fuq talba tal-Kunsill.

**<u>Mill-Kunsillier Horace Micallef</u>**

Il-Kunsillier Micallef semma li hemm xi terrapien fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku rrimarka li diġa ġibed l-attenzjoni ta' Neriku Ċefai tal-Public Cleansing u filfatt diġa nġabru l-boroż li kien hemm. Pero' għandna ninfurmaw lill-Inġinier Camilleri sabiex inaddfu t-terrapien li ntrema fil-Wied. Il-Kunsillier Micallef semma wkoll li hemm qasab li għandu bżonn jinqata' u s-Sindku ħa nota sabiex jibgħat lill-ħaddiem tal-Kunsill, peress li għadu dieħel minn erbgħa ġimgħat leave. Zied jgħid ukoll li fil-*fence* tal-*playing field* hemm biċċa li tista' tkun perikoluża peress li hemm biċċa ċint nieqes u għalhekk għandna nżidu żewġ kantuni. Fakkarna wkoll fil-viti li hemm ġot-tunnell tat-tfal. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jibgħat lill-ħaddiem jiċċekjah, filwaqt li s-Segretarja se tkellem mastrudaxxa sabiex jirranġa l-biċċiet tat-tunnel l-imkissra. Is-Sindku żied jgħid li nistgħu wkoll nagħmlu bieba fil-biċċa l-imwaqqa li tiġi eżatt wara s-sala.

## 14.4 Ilmenti

Il-Kunsill ma rċieva ebda ilment matul dan ix-xahar.

## 14.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-pagament tal-Road Constuction Ltd għandu jinżamm sakemm isiru l-pipijiet pero' jista' jitħallas immedjatament wara.

Ġiet ppreżentata wkoll il-lista ta' xiri tal-*'petty cash'* għal matul dan ix-xahar.

## 14.6 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha, 22 ta' Dicembru 2017 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem. Ser issir wkoll il-laqgha ghar-residenti tal-lokalita' fit-22 ta' Dicembru fil-5.00p.m.

**Saviour Borg** | **Heidi Grech**
**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**